MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta’ Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 12/2023LM

**Alison Gaffarena (K.I. nru. 258191(M))**
*(‘l-appellata’)*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(‘-appellant’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa ’l quddiem ‘id-Direttur Ġenerali appellant’] mid-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta’ April, 2023, numru 153/2023 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mill-Arbitru [minn issa ’l quddiem ‘l-Arbitru’], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa’ l-appell tar-rikorrenti **Alison Gaffarena (K.I. nru.**

**258191(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], filwaqt li ddikjara nulla u mingħajr effett id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-15 ta’ Awwissu, 2022.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-imsemmija deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-15 ta’ Awwissu, 2022 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant’], fejn infurmaha li minn investigazzjoni li kien wettaq id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, kien irriżulta li hija kienet involuta f’attività kummerċjali. Iddikjara li għalhekk hija kienet tħallset żejjed is-somma ta’ €6,105.10 f’*Allowance* tat-Tfal għall-perijodu bejn it-12 ta’ Mejju, 2018 u t-30 ta’ Settembru, 2022, u anki €70.00 f’Suppliment tal-istess *Allowance* għall-perijodu bejn it-2 ta’ Jannar, 2021 u t-30 ta’ Settmbru, 2022, u dawn kienu ser jitnaqqsulha bir-rata ta’ 30% minn kull benefiċċju li hija kienet tirċievi mingħand id-Dipartiment. Infurmaha wkoll li hija kienet ser tibda tirċievi l-*Allowance* tat-Tfal bir-rata minima ta’ €8.66 fil-ġimgħa għal kull wild, sakemm tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha mal-imsemmi Dipartiment.

**Mertu**

3. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, filwaqt li spjegat ċ-ċirkostanzi tagħha.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fis-16 ta’ Novembru, 2022 fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li sostna li d-deċiżjoni tiegħu kienet tajba u skont il-liġi, u għalhekk kellha tiġi kkonfermata mill-Arbitru.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**<u>Konsiderazzjonijiet</u>***

*Il-fatti huma paċifiċi bejn il-partijiet. Id-deċijoni tad-Direttur Ġenerali hija primarjament ibbażata fuq dikjarazzjoni partikolari tal-15 ta’ Mejju 2018* many of you requested a booking for the 27th May (early morning/holy communion) but I’ve been fully booked for a while. Just had a cancellation at 4.45am. Those of you who are still interested please message me as I forgot who had enquired...

*Huwa minnu li din id-dikjarazzjoni taf tagħti intendiment illi l-appellanti kienet qed taħdem iżda waħedha għandha tkun biżżejjed. L-arbitru huwa tal-fehma illi l-fatti relattivi kellhom bżonn aktar investigazzjoni profonda bħal ma seta’ kien teħid ta’ appuntamenti eċċ, sabiex tittieħed deċiżjoni ta’ twaqqif ta’ għajnuna soċjali. Il-fatt waħdu li l-appellanti kienet* fully booked *ma jfissirx li kienet qed titħallas ta’ xogħolha. Wieħed seta’ raġonevolment jasal ukoll għal konklużjoni li l-appellanti kienet qed tagħmel* training *bla ħlas – ħaġa li naturalment seta’ jsir.*

*Il-fatti relatati ma’ vetturi u mal-kwistjoni ta’ moda huma fatturi minuri għall-aħħar. L-appellanti kellha kull dritt li jkollha vettura u* si tratta *ta’ vettura fi perijodu għal qabel il-perijodu in mertu. Dwar il-moda il-fatti juru li si tratta ċertament ta’ diskussjonijiet fir-rigward ta’ moda in ġenerali u mhux f’kuntest ta’ qligħ ta’ flus.*

*Fil-kuntest ta’ dawn il-fatt l-arbitru huwa tal-fehma illi l-appell għandu jiġi milqugħ.”*

**L-Appell**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-31 ta' Mejju, 2023, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-15 ta' Awwissu, 2022, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravju ewlieni tiegħu huwa li l-Arbitru għamel apprezzament manifestament irraġonevoli tal-provi.

7. L-appellata wieġbet fil-31 ta' Ottubru, 2023, fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju li qiegħed iressaq id-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tal-appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant jistqarr li huwa jinsab aggravat bid-deċiżjoni appellata, għaliex l-Arbitru għamel apprezzament manifestament irraġonevoli tal-provi, u għalhekk l-imsemmija deċiżjoni għandha titħassar. Filwaqt li jagħraf li qorti tal-appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel qorti, jew fil-każ odjern l-Arbitru, jissottometti li m'għandux jintesa l-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2018 fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar *vs.* L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**. B'hekk huwa jgħaddi sabiex jispjega

għaliex ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Arbitru, u jibda billi jirrileva li l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq il-persuna li tkun qiegħda titlob l-għajnuna soċjali f'kuntest bħal dak odjern. Jgħid li madankollu l-appellata ma kienet ressqet l-ebda prova, lanqas permezz tax-xhieda tagħha, u l-unika prova li kien hemm fl-atti kien ir-rapport tal-investigaturi, li kien ġie maħluf quddiem l-Arbitru. Jirrileva li għalhekk l-uniku verżjoni tal-appellata li kien hemm fl-atti kienet dik li hija tat lill-ispetturi *a tempo vergine,* u jikkontendi li tali dikjarazzjoni madankollu għandha valur probatorju limitat ferm. Id-Direttur Ġenerali appellant jikkontendi li fejn l-imsemmija appellata kienet iddikjarat li hija kienet qiegħda tagħmel "*training bla ħlas",* dan ma kienx ġie kkorroborat permezz ta' xi prova oħra, u saħansitra ma kinitx qalet *a tempo vergine* li kienet qiegħda tagħmel xi forma ta' taħriġ, iżda li dan kienet tagħmlu b'mod sporadiku, tant li ma jistax jitqies bħala xogħol bi qligħ. Isostni li d-deċiżjoni appellata hija irraġonevoli għall-aħħar, għaliex twarrbu provi li kienu juru, imqar fuq bilanċ ta' probabilitajiet, li l-appellata kienet qiegħda taħdem bil-moħbi, u hawnhekk il-*posts* fuq *Facebook profile* bl-isem 'Allyson Gaffarena Makeup Artist' kienu suffiċjenti. Jirrileva li din il-paġna nfetħet fid-9 ta' Mejju, 2018, u f'inqas minn ġimgħa wara, fil-15 ta' Mejju, 2018 hija kienet qiegħda tinforma lill-klijenti tagħha li kienet *fully booked.* Jirrileva wkoll li wara din id-data, u għal diversi snin, l-appellata kienet qiegħda wkoll tistieden iktar *bookings.* Jistaqsi jekk tassew dan ix-xogħol kien wieħed ta' taħriġ, kif kellu jibqa' għaddej għal diversi snin? Dwar is-sit l-ieħor 'Smashing Darling X', id-Direttur Ġenerali appellat jissottometti li għalkemm din għandha l-apparenza ta' *fashion blog* u interess ġenerali fil-moda, il-kontenut jagħti dettalji rilevanti ferm għall-każ odjern, u hawnhekk jagħmel aċċenn għal diversi dettalji, inkluż stedina sabiex min ikun

interessat jagħmel kuntatt magħha għall-fini ta' negozju permezz tal-indirizz smashingdarlingx@gmail.com. Id-Direttur Ġenerali appellant jispjega kif l-ispetturi waqt l-ispezzjoni li wettqu, kienu sabu kamra tas-sodda mimlija prodotti tal-*make-up,* fejn l-appellata spjegat biss li hija kienet dilettanta tal-*make-up.* Iżda qatt ma tat spjegazzjoni dwar il-kolloborazzjonijiet tagħha kif kienu jidhru fuq is-sit 'Smashing Darling X'. Isostni li m'hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li l-appellata kienet ilha għal diversi snin taħdem bħala *make-up artist* għall-klijenti tagħha li hija kienet rawmet matul is-snin, liema xogħol seta' jsir b'mod faċli mid-dar. Id-Direttur Ġenerali appellant għalhekk jikkontendi li fin-nuqqas ta' prova kontradittorja, il-konklużjoni tal-Arbitru hija waħda manifestament irraġonevoli, għaliex kien evidenti li l-appellata kienet iġġestiet negozju bil-moħbi bi qligħ konsiderevoli, u xhieda ta' dan kienu l-vetturi li mill-investigazzjoni rriżultaw reġistrati f'isimha. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni, id-Direttur Ġenerali appellat isostni li d-deċiżjoni tiegħu għalhekk kienet waħda tajba, u d-deċiżjoni appellata kellha titħassar.

10. Fit-tweġiba tagħha, l-appellata tibda billi tispjega l-fatti tal-każ odjern, u tiddikjara li hija ma kinitx taqbel mad-Direttur Ġenerali appellant li l-Arbitru għamel apprezzament manifestament irraġonevoli tal-provi. Wara li hija wkoll tagħmel riferiment għall-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza, li qorti tal-appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel qorti, jew fil-każ odjern l-Arbitru, għajr għal raġunijiet gravi u impellenti, tissottometti li ma saret l-ebda inġustizzja permezz tad-deċiżjoni appellata, u għalhekk l-apprezzament tal-provi m'għandux jiġi disturbat. Tgħid li hija taqbel mal-prinċipju ta' min jallega jrid jipprova, li sar riferiment għalih mid-Direttur Ġenerali appellant, iżda dan kellu jiġi applikat fil-konfront tiegħu stess stante, li

kien hu li qiegħed jagħmel l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha. B'riferiment għar-rapport tal-ispetturi sussegwenti għall-investigazzjoni li wettqu fil-konfront tagħha, l-appellanta tgħid li fih kien hemm dak li hija kienet qalet lill-imsemmija spetturi, u ssostni li din kienet prova suffiċjenti, u saħansitra l-aqwa prova dwar l-allegazzjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellant, u hija ma kellha xejn x'iżżid miegħu. Tikkontendi li hawnhekk id-Direttur Ġenerali appellant kien saħansitra qiegħed jikkontesta l-prova tiegħu stess, u wara kollox kien fl-interess tiegħu li jressaq id-debita prova sabiex jikkontradixxi dak li hija kienet qalet *a tempo vergine.* L-appellata tirrileva li kif saħanistra qal l-Arbitru stess, kien hemm bżonn investigazzjoni iktar fil-fond qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ta' twaqqif ta' għajnuna soċjali. Tikkontendi li l-*posts* fuq il-paġni tas-*social media* tagħha, ma setgħux iservu ta' provi konkreti sabiex tittieħed deċiżjoni b'konsegwenzi daqstant iebsin, fejn kellhom jitnaqqsu l-benefiċċji li hija tirċievi għat-tfal tagħha, u li tirrifondi lura l-ammont qawwi ta' €6,000. Tispjega li huwa faċli li wieħed jikteb dak li jrid fuq is-*social media,* u fil-każ tagħha hija kienet xtaqet dak iż-żmien li tistabbilixxi ruħha bħala *make up artist,* sabiex wara li tlesti l-kors tagħha, hija tkun tista' tibda karriera fl-industrija. Kien għalhekk li ttentat tistabbilixxi *following* anki permezz ta' diversi ritratti. L-appellata ssostni li d-Direttur Ġenerali appellant kien tenut juri li tassew kien hemm nies li kienu qegħdin iħallsuha għas-servizz ta' *make-up.* Tispjega li l-intenzjoni tagħha saħansitra kienet li hija ma tibqax tistrieħ fuq il-benefiċċji tal-Għajnuna Soċjali għad-dħul tagħha, u b'hekk issir indipendenti finanzjarjament. Iżda minflok l-aġir tad-Dipartiment kien qiegħed jikkastigaha għal dan.

11. Il-Qorti ssibha diffiċli ferm li tasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru, fejn l-argumenti tiegħu mhumiex daqstant ċari. Tgħid li l-provi li ressaq id-Direttur Ġenerali appellant quddiem l-Arbitru, huma suffiċjenti sabiex jikkonvinċuha li l-appellata kienet involviet ruħha f'attività kummerċjali. Tagħraf li għalkemm kif jirrileva l-Arbitru fl-ewwel osservazzjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tassew kien ġibed l-attenzjoni għal *post* li tellgħet l-appellata fil-15 ta' Mejju, 2018 fuq il-paġna tagħha fuq *Facebook*, huwa dan kien qiegħed jagħmlu sabiex iwieġeb il-kumment tal-avukat difensur tal-appellata kif espress fin-nota ta' sottomissjonijiet rispettiva tiegħu. F'din l-aħħar nota, l-imsemmi avukat difensur argumenta li l-appellata kienet qiegħda ssegwi kors tal-*make-up,* u r-ritratti tal-mudelli li hija kienet turi fuq *Facebook* kienu juru x-xogħol tagħha waqt l-imsemmi kors. Iżda l-Qorti tikkondividi l-fehma tad-Direttur Ġenerali appellant, u tikkunsidra li l-*post* partikolari tikkostitwixxi prova ċara u inekwivoka dwar in-natura tal-attività tal-appellata, jiġifieri dik li tagħmel il-qligħ mix-xogħol tagħha. Ċertament ma jistax ikun hemm dubju dwar dan, u mhux kif ikkonkluda l-Arbitru meta kkunsidra l-possibilità li l-appellata kienet għadha qiegħda titħarreġ.

12. Il-Qorti tkompli tirrileva li l-*post* partikolari fuq *Facebook* saħansitra tindirizza lill-klijenti, u għalhekk il-Qorti tgħid li s-suġġeriment tal-Arbitru iktar u iktar ma jistax jitqies bħala wieħed kredibbli. Tikkunsidra li f'*post* sussegwenti tat-3 ta' Ġunju, 2018, l-appellata b'riferiment għal xi ritratti tgħid, *"[s]ome makeup looks I did in the previous years".* B'hekk dan il-kumment jagħti x'jifhem li l-appellata kienet ilha wkoll għal diversi snin taħdem fix-xogħol partikolari tagħha. Għalkemm il-Qorti hawn qiegħda tagħti lill-appellata l-benefiċċju tad-

dubju, u tqis li tassew dawn kienu xogħol tagħha magħmul waqt it-taħriġ partikolari tagħha, tikkunsidra li l-*post* fuq imsemmi li tellgħet fuq *Facebook,* juri li l-appellata f'ċertu perijodu kienet qiegħda tittenta tattira l-klijenti. Il-Qorti tikkunsidra li huwa diffiċli li wieħed jargumenta b'mod konvinċenti li persuna li tgħix fuq l-għajnuna soċjali tista' tibqa' snin tagħmel xogħol ta' ċertu kwalità mingħajr ma titħallas għalih.

13. Bl-istess mod huwa wkoll diffiċli li taċċetta l-argument tal-Arbitru dwar il-vettura li tinsab reġistrata f'isem l-appellata, għaliex il-Qorti tgħid li l-possibilità hija li l-appellata kienet ilha nvoluta f'attività kummerċjali għal diversi snin, anki qabel id-dati in kwistjoni ndikati fid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant. Fir-rapport tal-ispetturi li ġie maħluf quddiem l-Arbitru, iżda fejn il-Qorti tosserva li ma sar l-ebda kontro-eżami tal-ispettur partikolari sabiex jiġi kkontestat il-kontenut tiegħu, hemm indikat li s-sit *'Smashing Darling X'* maħluq mill-appellata kien ilu miftuħ sa mill-14 ta' Lulju, 2013. Kif tajjeb ġie osservat fl-istess rapport, in-natura kummerċjali ta' dan is-sit hija ovvja mill-kumment *"for collaborations and business enquiries please contact me on smashingdarling@gmail.com".*

14. Barra minn hekk, l-argument tal-Arbitru dwar il-moda, ftit li xejn jista' jiġi mifhum għaliex il-Qorti tqis li hija l-appellata stess li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tispjega li l-aġir li kienet qiegħda taddotta fil-każ tagħha *"...isegwi l-prassi popolari li ħolqu s-*celebrity influencers*".* Aktar tard fl-istess nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-appellata tammetti meta tispjega l-kumment tal-ispettorat dwar '"kollaborazzjonijiet" li *"[f]il-maggor parti ta' istanzi, kif inhu dak fil-każ tal-esponenti, id-ditta toffri xi PRODOTTI/I in return illi hija tkun*

*tellgħat ritratt fejn tkun issemmija dik id-ditta partikolari. Enfasi trid issir fuq il-fatt illi l-esponenti, fil-każ ta' ċertu kollaborazzjonijiet, bħal perezempju dak ta' Lumija Swimwear, ma tirċievix flus – jew jekk irċeviet, kienu ammonti minimi li żgur ma jistgħux jitqiesu bħala introjtu!".* L-appellata taċċetta li *"...hija għandha numru sostanzjali ta'* followers*"* u għalhekk ftit jista' jitwemmen li dan kollu hija tagħmlu mingħajr l-ebda introjtu ta' kwalunkwe tip. Wara kollox, l-appellata affaċċjata b'allegazzjoni daqstant serja fil-konfront tagħha, kif sostanzjata bi provi li l-Qorti tqis indubitabbli, ma ħadet l-ebda inizjattiva sabiex turi l-kuntrarju permezz ta' prova anki sabiex tikkorrabora l-ispjegazzjonijiet kollha tagħha ta' dik li kienet l-attività attwali tagħha. Għalhekk, fejn l-appellata kkontendiet fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet tagħha li d-Direttur Ġenerali appellant kien naqas milli jressaq prova li kienet turi li l-vetturi reġistrati f'isimha kienet xtrathom proprju hi, il-Qorti filwaqt li tagħraf li skont il-liġi senjatament l-artikolu 562 tal-Kap. 12, min jallega għandu jipprova, tagħraf ukoll li fil-każ odjern ġaladarba l-vetturi huma reġistrati f'isimha, l-preżunzjoni hija li dawn inxtraw minnha. Kien jispetta proprju lilha li turi l-kuntrarju dwar is-sors tal-fondi tal-prezz tal-akkwist.

15. Il-Qorti għalhekk tikkunsidra li kuntrarjament għal dak li kkonkluda l-Arbitru, il-provi miġjuba mid-Direttur Ġenerali appellant kellhom iservu sabiex jiġi miċħud l-appell tal-appellata. Kien jinkombi proprju fuqha ġaladarba li kienet qiegħda tikkontesta dawn il-provi, li turi permezz tal-argumenti u sottomissjonijiet tagħha, iżda anki permezz ta' xi prova, li dawn kienu infondati.

16. Għandu wkoll jiġi mfakkar li l-appellata bid-deċiżjoni appellata, ġiet infurmata li r-rata tal-*Allowance* tat-Tfal kienet ser tonqos għal €8.66 fil-ġimgħa

sakemm tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha. Għalhekk jekk tassew kif qiegħda tinsisti, il-qligħ mill-attività tagħha kien wieħed minimu, hija xorta waħda kellha tinfurmaha lid-Direttur Ġenerali appellant bil-bidla fiċ-ċirkostanzi tagħha. Jiġi osservat ukoll, li kif ġie spjegat fir-rapport tal-ispetturi, id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed biss jitlob lura l-pagamenti żejda li saru wara d-9 ta' Mejju, 2018, li hija d-data meta nħolqot il-paġna fuq *Facebook* bl-isem '*Allyson Gaffarena/Makeup Artist',* u mhux lura għas-sena 2013 meta hija kienet ħolqot il-paġna suriferita '*Smashing Darling X'.* Iżda hawnhekk fl-istess rapport kien hemm ġustament indikat li *"...l-ispettorat ma setax ikun daqstant konvint li l-kontenut mtella' ... huwa b'saħħtu biżżejjed biex permezz tiegħu jiġi ppruvat li l-benefiċċjarja bdiet taħdem b'effett mill-imsemmija data".* Il-Qorti ma tistax tgħid l-istess għal dak li jirrigwarda l-paġna '*Allyson Gaffarena Makeup Artist'.*

17. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, u tħassar id-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-15 ta' Awwissu, 2022.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**